# IL-(D)GEŻWIRA - MILL-ILBIES TA' L-IMGĦODDI

*Minn Consiglia Azzopardi M Phil*

Il-qawl Malti jgħid "L-ilbies jagħmel in-nies" u "In-nies tagħrafhom minn ħwejjiġhom". Hemm kemm il-tifsira li jistgħu jinfiehmu dawn il-qwiel! Għaliex dari mill-ilbies kont tingħaraf mil-liema pajjiż ġej, ir-razza ta' niesek, x'mestjier tħaddem jew x'sengħa għandek u fl-aħħarnett turi taħt liema klassi taqa' fis-soċjeta. Dawn il-karetteristiċi li jidentifkaw poplu minn ieħor illum għebu minn kullimkien, u spiċċaw biss fi storja, għax la għadu jingħaraf belti minn raħli u lanqas turist minn kumpajżan.



*Mara Kampanjola liebsa il-geżwira*

Dan it-tibdil fid-drawwiet tagħna minn banda għandu l-vantaġġi tiegħu imma għandu wkoll ħafna żvantaġġi. Hekk per eżempju sar progress kbir fejn tnaqqsu d-differenzi bejn klassi u oħra, jiġifieri bejn minn ġej minn familja tan-nobbli u dawk il-familji tal-ħaddiema, bejn is-sinjur u l-fqir, bejn min jaħdem bil-pinna u min jaħdem fir-raba, bejn min jagħmel xogħol u min jagħmel xogħol ieħor, u l-bqija. Mill-banda l-oħra hu sabiħ u artistiku l-ilbies li bih in-nies ta' pajjiż jingħarfu minn dawk ta' pajjiż ieħor, seklu minn ieħor, u fuq kollox ilbies maskili jingħaraf minn dak feminili. Il-kultura tal-ilbies daż-żmien naqqset ħafna mill-importanza tagħha, għaliex illum tmur fejn tmur kulħadd jilbes l-istess ilbies (aktarx manifatturati fiċ-Ċina), ħafna drabi jissejħu *unisex* li tfisser jintlibsu kemm minn-nisa u kemm mill-irġiel; u l-kostumi tradizzjonali erfajnihom biss għad-danzi folkloristiċi.

**Maltin jew Għawdxin**

Jekk immorru lura daqs erba' mitt sena, f'pajjiżna nsibu li kienet anke teżisti differenza sostanzjali fl-ilbies li kienu jilbsu l-Għawdxin minn dak ta' sħabhom il-Maltin. Hekk nsibu li xi visitaturi li fil-vjaġġi tagħhom kienu jieqfu Malta, fil-kitba li ħallew iddeskrivew dan il-fenonimu bħala wieħed li laqathom u li kien ta' min iħalli kitba dwaru. Wieħed minn dawn il-vjaġġaturi kien is-Seur Jean Du Mont, li ġie Malta f'Ġunju 1690, u ħalla kitba ta' dak li ra b'għajnejh, fejn qal li:
"In-nisa ta' dan il-pajjiż għandhom ilbies li jġiblek swied ta' qalb meta joħorġu barra mid-dar, għax ġewwa jżommu ruħhom friski u ħfief. Barra fit-triq ma tara xejn ħlief figura mkebba f'mantell kbir iswed li jgħattihom minn rashom sa saqajhom. Tibda trodd is-slaleb meta tarahom għax taħsibhom spirti jew erwieħ iduru mat-toroq tal-Belt. Għalkemm fil-beraħ tisthajjilhom spirti imma ġewwa qishom anġli daqs kemm għandhom karnaġjon sabiħ mill-isbaħ li hawn fid-dinja! .........."

Naturalment, Du Mont hawnhekk kien qed jirrefieri għal '*manto*' l-iswed u sinjurili li kienu jilbsu n-nisa nobbli tal-Belt, jew għall-għonnella li kienet tilbisha kull mara oħra meta kienu jidħlu l-Belt. Dan il-vjaġġatur innota wkoll bid-differenza li kienet teżisti fl-ilbies tal-Maltin u l-Għawdxin. Ma kienx l-uniku vjaġġatur li għamel dan, għaliex Frederic Lacroix, li żar il-Gżejjer

Maltin wara Du Mont, kiteb hekk dwar in-nisa ta' dawn il-gżejjer:
"In-nisa Għawdxin għandhom drawwa oħra kurjuża ta' kif jilbsu. Huma jilbsu bħal dublett li jilħaqq sa taħt is-sider, u ma jistħu xejn jidhru quddiem in-nies b'sidirhom għeri għajr maktur trasparenti, li flok ma jostorhom aktar jiġbed attenzjoni. Tant huma mdorrija jilbsu b'dan il-mod li huma jħossuhom komdi u xejn ma jagħtu kas; trid tkun barrani biex toqgħod tistagħġeb."
Milli jidher, dan kien miktub għan-nisa tan-nobbli, sinjuri li kienu jiġu joqogħdu Għawdex minħabba l-pożizjoni ta' żwieġhom jew tal-missier tal-familja. Kienu dawn in-nisa li kienu f'qagħda li jilbsu maktur trasparenti biċċa ilbies li dik in-nhar kienet importanti u tqum il-flus. Fuq il-bqija tan-nisa Għawdxin, li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu nisa tal-kampanja u jaħdmu fir-raba', insibu deskrizzjoni miktuba mill-istoriku Għawdxi Gian Piet Agius De Soldanis (1712) li kiteb fuq l-ilbies li kien jintlibes fis-seklu tmintax. Dak iż-żmien il-moda ma tantx kienet tmur u tiġi daqshekk malajr; barra minn hekk kienu in-nisa sinjuri li kienu jimxu mal-moda, għax in-nisa tal-kampanja kienu jiddubbaw b'li kien ikollhom, dejjem bil-qies, u saħansitra meta jmutu l-ħwejjeġ ma kinux jintrimew għajr f'każ ta' xi marda tittieħed, imma kienu jirtuhom u jibqgħu jintlibsu minn ġenerazzjoni għall-oħra.

**Il-Geżwira**
Biċċa ilbies tan-nisa tas-sekli sbatax u tmintax, li tkellem fuqha De Soldanis kienet il-**Dgeżwira.** Fid-Dizzjunarju tiegħu '*Damma tal-Kliem Kartaginiz Mscerred Fel Fom tal Maltin u Ghaucin*' igħid:

*In casa usano una specie di faldetta che appellano dgkezzuira torchina colle fascie bianche, abito che dalla faldetta non differisce se non dall'apertura, che ha intera in un lato*[i].

(Id-dar jilbsu speċi ta' dublett li jgħidulu geżwira ikħal bil-faxxi bojod, ilbies li ma tantx jinagħżel minn dublett kieku mhux għax miftuħ minn fuq ġenb minn fuq s'isfel.)

U banda oħra jgħid:

*(T)gezwira Faldetta, zinale. Quest'abito e una specie di zinale, ma non e ne vera faldetta, ne vero zinale. .......... propriamente ella e formata aggiusa di un pallio, cinto ai lombi, e da un lato tutto aperto. Viene formata da lino o cottone filato dalle donne tessitrici nostre, tinto azzurro, che col bianco sembra bordato.*

(Geżwira Dublett, fardal. Din il-libsa hija speċi ta' fardal, imma mhix veru dublett, lanqas veru fardal. ........Proprijament hi magħmula minn palju, ċinta fil-qadd, u miftuħa fuq ġenb. Magħmula mill-għażel jew tajjar magħżul minn-nissieġa tagħna, miżbugħ ikħal, u dejjem bi strixxi bojod.)


Maltese Peasant
Bidwija liebsa il-geżwira

L-istoriku jsemmi li din kienet speċi ta' fardal jew dublett, imma la hu veru fardal (*zinale*) u lanqas veru dublett (li f'dan il-każ qed jissejjaħ *faldetta*). Jissejjaħ *tgeżwira* għaliex igeżwer lill-mara minn fuq il-libsa, allura din hi libsa ta' mara u mhux ta' raġel, li tintlibes għad-dar u mhux għall-eleganza. Din kienet tkun magħmula minn versa drapp rettangulari, maqbuda b'ċinta fil-qadd, u fuq ġenb kienet tkun miftuħa minn fuq s'isfel. Kienet tkun minsuġa mill-għażel jew mit-tajjar minsuġa minn-nissieġa lokali (tagħna), ta' kulur ikħal, u bil-faxxi bojod fil-burdura tal-keffa. Sa



*Bidwija Għawdxija*

fejn jiftakar De Soldanis ma kienx jaf b'ebda pajjiż ieħor fejn kienu jilbsu din il-tgeżwira. Fl-ibliet ta' Malta ma kinetx tintlibes imma fil-kampanja kien jilbisha kulħadd għax kienet komda biex jaħdmu fl-għelieqi. Kienu magħrufin li jilbsuha l-iktar in-nisa Għawdxin, u dan meta kienu joħorġu fl-għelieqi, jmorru l-forn jagħġnu l-ħobż, iġorru l-qatt tax-xewk għall-ħami, imorru jirgħaw bin-ngħaġ u l-mogħoż, jġorru l-ilma, eċċ.
Francesco Zimelli, (1748-1803) kavallier pittur li kien jgħix f'Malta, fost l-inċisjonijiet ta' persuni prominenti f'Malta fi zmien l-Ordni, ħalla stampa ċara ta' mara bidwija Maltija u Bidwija Għawdxija, li tagħhom qed inġibu kopja.

**Fardal jew Dublett?**
Dan iż-żmien li qed nitkellmu fuqu, jiġifieri s-seklu tmintax kienet ġiet moda li n-nisa jilbsu biċċa drapp fin kollha rakkmu, aktarx ta' xi bizzilla maħduma fina fina, fuq quddiem tad-dublett wiesa' kollu ġmiegħ li kien ikun ta' drapp rikk bħal damask jew brokkat jew ħarir minsuġ bil-ħajta tad-deheb jew tal-fidda. Dan l-ispeċi ta' fardal kien jinżamm f'postu billi jinqabad fil-qadd b'ċinta li kienet tinqafel jew fil-ġenb jew fuq wara. Wieħed mill-ewwel jintebaħ li dan kien l-ilbies ta' min kien jiflaħ iħallas, u xejn ma kien ilbies tan-nies tal-kampanja li bilkemm kien ikollhom x'jieklu aħseb u ara kemm kien ikollhom x'iberbqu fl-ilbies. Matul dan iż-żmien, in-nisa tal-kampanja ma kinux iħabblu moħħom wisq bil-moda tas-sinjuri. Madankollu, ż-żgħir kien dejjem jitħabat biex jimita lill-kbir, u anke jekk ma kienx ikollhom biex, dejjem kienu jridu jidhru li għandhom. Ir-riżultat ta' dan il-konflit ta' gosti bejn min għandu l-flus u min m'għandux, spiċċa biex in-nisa tal-kampanja rmedjaw li jipproduċu biċċa lbies li kienet speċi ta' fardal magħmul mill-insiġ li kienu kapaċi jaħdmu b'idejhom stess, u li fl-istess waqt kellha l-apparenza ta' dublett billi jżejnuha bil-faxxi bojod; dawn il-faxxi kienu imitazzjoni tal-galluni tal-bizzilla tal-ħarir, tar-rakkmu bid-deheb jew bil-fidda, li bihom is-sinjuri kienu jżejnu d-dbielet tagħhom.

Filwaqt li dublett ta' mara sinjura kien ikun wiesa' u jikkonsma ħafna qasab ta' drapp biex jinħiet b'dawk il-piegi kollha, il-geżwira kienu jagħmluha minn żewġ veres biss tal-insiġ, versa għal wara u oħra għal quddiem, biex jikkonsmaw drapp mill-inqas possibbli. Kienu jħalluha miftuħa minn ġenb biex meta jiġu biex joħorġu barra, l-geżwira kienet tagħtihom liberta' li jitfgħuha fuq il-ħwejjeġ l-oħra li jkunu bihom fid-dar. Hekk ma kinux juru jekk il-ħwejjeġ li joqogħdu bihom ġewwa kinux imkagħbra, qodma jew imqattgħin, għax il-geżwira kienet tgħatti kollox.

**Il-Kulur Ikħal**
Bħal kull raħal ieħor f'Sannat in-nisa kienu jilbsu l-istess, anzi mhux talli jilbsuha imma talli kienu jinżġuha mit-tajjar u jħituha. Naturalment il-qoton kien jikber fl-għelieqi ta' madwar u wara li l-bjad kien jitfesdaq u jinħaleġ kienu jagħżluh ħajt, li sadanitant kien ikun għadu fil-kulur naturali tiegħu - l-abjad.

De Soldanis jagħmel enfasi fuq il-kulur li dejjem kien ikun ikħal u bil-faxxi bojod. Dan ifisser li l-għażil tat-tajjar kien jinżebagħ bil-kulur ikħal biex meta jintiseġ kien jagħmel versa kaħla minnbarra iż-żewġ jew tliet faxxi li kienu jħalluhom bojod kulur it-tajjar mhux miżbugħ. Din taż-

żebgħa tat-tajjar kienet industrija oħra li kellha x'taqsam mal-industrija tal-qoton. Lanqas ma kien kulħadd kapaċi jiżbogħ, imma kien hawn nies imħarrġa apposta li x-xogħol tagħhom kien li jiżbgħu. Min jiżbogħ kien jissejjaħ 'mgħallem' li dak iż-żmien kienu jsibuh bħala *tintore.*



*Tajjar u Drappijiet minsuġin bil-kulur ikħal miżbugħ Ħaż-Żebbuġ.*

Iż-żebgħa ta' kulur ikħal kienet tiġi mpurtatha aktarx minn Franza, u kienet tissejjah 'Indico'. Hekk insibu li fis-7 ta' Frar 1746 Gio Batta Fiamengo wasal Malta fuq vapur Franċis li telaq minn Marsilja; barra mid-drappijiet huwa iddikjara li daħħal Malta "*Indico un barmile*" (barmil indico). Fil-15 ta' Lulju 1746, Gio Batista Borg miż-Żejtun wasal Malta fuq tartana li telqet minn Marsilja u ġieb miegħu "*un caratello d'indico*" (kartell indico). Fuq l-istess tartana wasal miegħu passiġġier ieħor Pietro Camilleri, ukoll miż-Żejtun u wkoll ġieb "*un caratello d'indico*" (kartell indico). Din taż-żebgħa kulur ikħal damu jaħdmu biha sas-seklu għoxrin, għax niftakar in-nannu Wiġi Cini (18811972) jgħid, li sa qabel il-Gwerra il-Kbira ta' l-1939, kien għadu jmur Ħaż-Żebbuġ Malta bil-għażil tat-tajjar biex jiżbgħuh ikħal għand iż-żebbiegħ; il-marelli tat-tajjar kienu mbagħad jużawhom għall-insiġ.

Il-fatt li kienu jsemmu 'barmil' jindika li din iż-żebgħa kienet tiġi forma ta' likwidu. L-indigo jiġi mill-pjanti tar-razza *Indigofera* jew mill-pjanti *Isatis tinctoria* li jikbru fil-pajjiżi tropikali. Huwa wieħed mill-eqdem żebgħa li ntużat fid-dinja kemm biex jiżbgħu l-ħwejjeġ u kemm bħala linka biex jipprintjaw. Hi tajba ħafna biex jiżbgħu fuq kollox it-tajjar. Il-kulur ma jerħix fl-ilma; meta d-drapp jittella' miż-żebgħa u jara l-arja l-ossiġnu li jkun hemm fl-arja jġiegħel lill-kulur joħroġ u jġibu aktar reżistenti.

Din l-industrija kellha l-bidu tagħha fil-pajjiżi ta' Lvant Imbiegħed, bħaċ-Ċina, l-Ġappun u l-Indja. Jaħsbu li l-Indja hi l-eqdem ċentru għaż-żebgħa bl-indigo fid-dinja qadima. Meta fis-seklu ħmistax l-esploratur Portugiż Vasco da Gama skopra triq bil-baħar lejn l-Indja huwa beda l-kummerċ ta' din iż-żebgħa li assoċjat isimha ma' dan il-pajjiż. Għalhekk ħafna mill-indigo li kien jinħadem fl-Ewropa kien jiġi mpurtat fil-Portugal mill-pajjiżi kolonji tagħha. Fis-seklu dsatax saru avanzi fit-teknoloġija taż-żebgħa indigo, hekk li din l-industrija tferrxet mal-pajjiżi industrijali kollha fejn bdiet titħaddem bi proċess kemikali. Illum l-indigo kollu hu sintetiku u fost l-oħrajn jintuża ħafna biex jiżbgħu id-drappijiet tad-denim li minnhom jagħmlu l-'blue jeans'.

Fis-sekli l-imgħoddija l-geżwira kienet tidentifika l-mara Għawdxija, illum il-jeans jagħmlu mill-mara Għawdxija ħaġa waħda l-istess bħal kull mara oħra fid-dinja li ma ġġib ebda karatteristika ta' pajjiżha.

Referenzi:

Ġ. Cassar Pullicino *Costume in Malta*, Patrimonju Malti, 1998

NAM *Libretti delle Prattiche de Bastimenti con la nota del loro Equipaggio e Passigieri.*

Indigo dye, Wikipedia Encyclopedia